**SWIEQI LOCAL COUNCIL**

**LAQGĦA KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-MADLIENA LI SARET NHAR L-ERBGĦA 8 TA' GUNJU 2011 FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| **M.A.** | **MARYANNE ABELA** | **VIĊI CHAIRPERSON** |
| **W.F.** | **WALLACE FARRUGIA** | **MEMBRU** |
| **A.C.** | **ALEX CHETCUTI** | **MEMBRU** |
| **A.P.** | **ANNA PARIS** | **MEMBRU** |

**SKUŻATI:**

| | | |
|---|---|---|
| **F.S.** | **FRANK SALT** | **CHAIRPERSON** |

**TALBA**

Is-Sindku qalet it-talba.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 12 ġew approvati.
   M.A. ipproponiet u W.F. issekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

1 W.F. staqsa jekk sarux xi kuntatt mas-sidien tal-Ġnien tal-Markiz fi Triq il-Madliena dwar il-periklu tal-boundary wall. Is-Segetarju Eżekuttiv informa li kellu kuntratti mall-Perit Paul Camillieri li jieħu ħsieb il-propjeta' kollha ta' Curmi Estates li huma s-sidien ta' dan il-ġnien. Il-Perit informa li hu jaf bil-periklu pero' qed jistenna l-approvazzjoni għat-tiswijja mill-MEPA. W.F. insista li dan il-Perit għandu jissottometti l-applikazzjoni ta' urġenza (dangerous structure) b' hekk ikun jista jiġi eliminat kull periklu eżiżtenti.

2 W.F. staqsa dwar jekk saritx l-applikazzjoni għat-traffic calmers fi Triq il-Madliena. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma irċieva xejn mingħand il-Perit tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika mall-Perit.

3 Dwar l-applikazzjoni għall-fondi ta' €20,000.00 li kien għamel il-Kumitat Amministrattiv għal żieda ta' dawl fil-Madliena kif ukoll bankijiet ta' l-injam, is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li saru dawn ix-xogħlijiet kien baqa' bilanċ ta' €2390.00. Il-Kumitat ideċieda li dan il-bilanċ għandu jintuża għal aktar dawl.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**FRANK SALT**
**CHAIRPERSON**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

4 Ġiet ippreżentata Memo 43/2011. Il-Kumitat iddeċieda li ser japplika għall-

a. Security Cameras
b. Embellishing tal-Woodland
c. Website tal-kumitat
d. Applikazzjoni – Progetti żgħir jekk nistgħux nipparteċipaw.

Il-Kumitat iddeċieda fiż-żona ta' Torre Paulina isiru xi flower pots kif ukoll titranġa il-ħsara fil-funtana li qegħda faċċata Torre Paulina.

5. **Toroq**

W.F. ikkumenta li dawn l-aħħar ġimgħat kien hemm nuqqas ta' progress fuq ix-xogħol tat-toroq u għaldaqstant ser isejjaħ laqgħa mall-Kuntratturi u l-Perit tal-Kunsill sabiex jiġi magħruf ir-raġunijiet għal dawn id-dewmin kif ukoll tingħata indikazzjoni ta' meta ser jitlesta il-progett.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30p.m.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**FRANK SALT**
**CHAIRPERSON**